MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 809/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Jason Barbara (K.I. 404985M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ disa’ mija wiehed u disghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmu (€991.41) in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 7927 8903.

Il-konvenut interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’qbid numerat 1394/09 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Jannar, 2010, mill-Avukat Dr. Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------